MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-22 ta' April, 2009

Talba Numru. 213/2007

**Josie F Sant (I.D. 17448M)**
**ta' Josie Silencers**

**vs**

**Alfio Leotta (I.D. 20433A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u disghin lira Maltin (Lm290), ekwivalenti ghal sitt mija u hamsa u sebghin Euro u tnejn u hamsin centezmi (€675.52), rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi u materjal fornit in konessjoni mall-manifattura ta' '*tailor-made stainless steel manifold'* kif ukoll l-iffitjar tal-istess '*manifold'* mall-magna u tiswijiet ohra maghmula lis-sistema tas-'*silencer'*, liema manifattura, ifittjar u tiswijiet gew ordnati minn Alfio Leotta stess fuq disinn tieghu u lilu debitament moghtija, u liema

somma huwa ghadu ma hallasx minkejja illi gie debitament notifikat u interpellat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-18 ta' Ottubru, 2006, tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Ottubru, 2006 u tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju li qed jigi prezentat kontestwalment ma din it-talba, inkluzi kull spiza ohra li tigi nkorsa fit-tehid ta' proceduri legali ulterjuri.

Bl-imghax kummercjali kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Leotta fejn issolleva illi l-pretenzjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi x-xoghol rez mill-attur ma kienx skond is-sengha u l-arti hekk kif tirrikjedi l-ligi.

Ra illi fis-seduta tal-11 ta' Mejju, 2007 l-Avukat difensur tal-konvenut irrileva eccezjoni ulterjuri mhux oppost mill-attur illi l-attur f'din il-kawza m'ghandux l-interess guridiku skond il-ligi illi jressaq din l-azzjoni.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.

Semgha x-xhieda ta' Joseph Sant, Josie Sant u Alfio Leotta, Nikolai Degiorgio u ra  x-xhieda dokumentali.

Ra illi fis-17 ta' Settembru, 2007 it-Tribunal cahad l-eccezzjoni tal-konvenut li  l-attur m'ghandux interess guridiku skond il-ligi li jressaq din l-azzjoni u ordna l-prosegwiment tat-talba bl-ispejjez a karigu tal-konvenut. Ra illi l-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' April, 2008 ikkonfermat is-sentenza appellata u rrinvijat l-atti lura lit-Tribunal bl-ispejjez ghall-konvenut ghal kontinwazzjoni u definizzjoni minnu tat-talba attrici u ta' l-eccezzjoni principali

**<u>Ikkunsidra</u>**

Mill-provi jirrizulta illi l-konvenut kien avvicina lill-attur sabiex jaghmillu bicca xoghol partikolari fejn kellu bzonn '*performance manifold'* fuq magna ta' vettura tip 'Lancia'. L-attur spjega kif il-konvenut kien tkellem id-dettalji tax-

xoghol ma' ibnu, peress illi ibnu kien bniedem tas-sengha li kien ser jahdem dan il-'*manifold'* huwa stess. Joseph Sant, iben l-attur, xehed kif huwa gie nkarigat biex jibni '*stainless steel manifold'* ghal fuq sistema ta' '*silencer'* u kien huwa li kien ghamel il-'*manifold'* partikolari rikjest mill-konvenut skond disinn prodott mill-attur. Il-konvenut kien ta d-dettalji tad-disinn lill-iben l-attur. Irrizulta mix-xhieda tal-attur illi dan il-'*manifold'* gie manifatturat u mwahhal fil-vettura indikata mill-konvenut u li x-xoghol sal-mument tat-twahhil kien approvat mill-konvenut li kien ilu jissorvelja x-xoghlijiet. Kien biss wara l-ewwel tellieqa awtomobilistika bil-vettura, bil-'*manifold'* imwahhla fil-post, li kien hemm xi ilmenti minn naha tal-konvenut dwar problemi fil-'*manifold',* peress illi ma kienx kuntent bix-xoghol li kien sar.

Illi tul il-mori tal-kawza l-attur accetta li jaghmel xi modifikazzjonijiet fuq il-'*manifold'* izda ried illi jithallas tax-xoghol li kien ghamel qabel. Illi skont ix-xhieda tal-attur, ix-xoghol maghmul minn ibnu kien skond is-sengha u l-arti u skond id-disinn moghti lilu mill-konvenut. Stqarr illi l-konvenut qatt ma kien tah '*specifications'* dettaljati ta' qisien u daqsijiet u li l-attur kellu jiffabrika dan il-'*manifold'* skond id-disinn li gie moghti lilu sabiex titqieghed fuq vettura ta' ghamla u marka Lancia Delta Integrale. Illi mill-provi jirrizulta illi l-fabbrikazzjoni ta' dan il-'*manifold'* kellha tkun wahda partikolari u maghmula bl-idejn fuq rikjesta tal-klijent lill-attur.

Mill-provi jirrizulta illi l-attur jiggestixxi negozju ta' '*silencers'* ta' vetturi u ta' '*welding'* ta' hadid u jipproduci wkoll '*metal crafts'*. Jirrizulta wkoll illi dwar '*silencers'* jista' jinghad il-kaz illi certi '*silencers'* jigu manifatturati fuq domanda tal-klijent. Fil-kaz quddiem dan it-Tribunal jidher illi l-konvenut kien talab lill-konvenut sabiex jaghmillu '*tailor made performance manifold'* ghal fuq sistema ta' '*silencer'* fuq vettura partikolari. Din il-'*perfomance manifold'* hija oggett specifiku illi jitwahhal fis-sistema ta' '*silencers'* fuq vetturi li jintuzaw ghat-tlielaq. F'dan il-kaz quddiem it-Tribunal, il-vettura in kwistjoni kienet tintuza ghal '*hill climbing races'*. Illi mill-provi rrizulta illi l-konvenut kien ghamel disinn ta' '*manifold'* partikolari tal-'*istainless*

*steel’* li kellu jitqiegħed fil-vettura. Huwa minnu illi l-‘*ispecifications’* mogħtija lill-attur kienu effettivament id-disinn mingħajr qisien dettaljati. Il-konvenut talab lill-attur illi dan il-‘*manifold’* kellu jiffitja mall-vettura li huwa kellu fil-pussess tiegħu izda li kienet tappartjeni lill-terzi, certu wieħed Nikolai Degiorgio li xehed fil-kawza. Degiorgio huwa s-sewwieq u l-proprjetarju tal-vettura u l-konvenut huwa l-mekkanik ta’ Degiorgio.

Illi skont ix-xhieda tal-attur u ibnu, illi kien il-bniedem illi effettivament ipproduca l-‘*performance manifold’* rikjest mill-konvenut, qalu illi l-konvenut kien jigi ta’ spiss jissorvelja x-xogħol u deher kuntent b’dak li kien qed jara. Ix-xogħol kien ha tlett (3) gimgħat sabiex jkun kompletat. Kien biss meta l-attur avvicina lill-konvenut sabiex jithallas xi ftit xhur wara, illi l-konvenut qallu illi ried jirritorna il-‘*manifold’* għaliex ma kienx kuntent bih. Din kienet l-ewwel darba li kien sema’ b’ilment minn naħa tal-konvenut. Fix-xhieda tal-attur gie ikkonfermat illi l-konvenut kien uza l-‘*manifold’* diversi drabi u sahansitra kien uza l-vettura bil-‘*manifold’* fiha f’tellieqa u kien ha ‘*placing’* tajjeb hafna. Għalkemm fix-xhieda tal-konvenut huwa qatt ma ammetta li l-‘*manifold’* kien gie uzat, kemm fix-xhieda tal-atturi u kemm fix-xhieda ta’ sid il-vettura, intqal illi l-vettura bil-‘*manifold’* imwaħħla mill-attur ntuzat għall-tellieqa u li gabet ‘*placing’* tajjeb.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi wara li x-xogħol kien tlesta mill-attur u tqiegħed fil-vettura din il-vettura ntuzat u sahansitra kienu telqu biha u kellhom ‘*placing’* tajjeb fit-tellieqa. Illi kien biss wara illi l-attur beda jfittex lill-konvenut sabiex jithallas, illi l-problemi u l-ilmenti nqalgħu.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi l-kaz quddiemu jikkoncerna ‘*tailor made stainless steel racing manifold’* li tqiegħed mas-sistema tas-‘*silencer’* ta’ vettura sabiex il-‘*performance’* tal-vettura tizdied. Dawn it-tipi ta’ ‘*manifolds*‘ jintuzaw għall-karozzi tat-tlielaq. Illi huwa minnu li l-konvenut kien mar għand l-attur sabiex jagħmillu ‘*racing manifold’* partikolari skontdisinn mogħti lill-attur mill-konvenut. Illi huwa minnu illi kien iben il-konvenut li kien ipproduca l-‘*manifold’* in kwistjoni fuq rikjesta lill-attur mill-

konvenut. Illi rrizulta illi l-konvenut kien ikun prezenti tul il-process tal-manifattura u tqeghid tal-'*manifold*' fuq il-vettura u qatt ma kien hemm ilment minn naha tieghu. Illi lit-Tribunal jirrizulta illi l-problemi nqalghu meta l-konvenut xtaq xi modifiki fil-'*manifold*' izda li l-attur irrifjuta jaghmel qabel ma jithallas tax-xoghol li kien ghamel. Mill-provi rrizulta illi l-ilmenti rrizultaw ftit xhur wara li twahhal il-'*manifold*'.

Skont ix-xhieda tal-konvenut qal illi huwa kien ha d-disinn tal-'*manifold*' minn fuq '*website*' tal-'*internet*.' Qal ukoll illi wara li l-vettura kienet ikkonsenjata lilu bil-'*manifold*', huwa kien biss ipprova ihaddem il-vettura tul gimghatejn illi iben l-attur kien imsiefer, izda qatt ma ha sehem f'ebda kompetizzjoni. Izda meta xehed il-proprjetarju tal-vettura in kwistjoni qal illi l-vettura kienet hadet sehem f'kompetizjoni u li l-istess vettura kienet giet uzata, izda l-proprjetarju xtaq li jsiru xi modifikazzjonijiet. Il-konvenut kien stqarr illi l-modifikazzjonijiet fil-'*manifold*' ma kellhomx jiehdu iktar minn siegha xoghol. Il-konvenut qal ukoll illi l-vettura ma komplietx tintuza u li sahansitra kien ordna '*manifold*' gdida direttament mill-'*internet*' peress illi l-'*manifold*' ma kienx sar skond is-sengha u l-arti. Fix-xhieda tal-25 ta' Novembru, 2008, il-konvenut kien qal illi huwa kien ordna '*manifold*' gdid u li din il-'*manifold*' ser jigi jiswa circa sitt mitt Euro (€600). Illi mitlub igib prova ta' xiri tal-'*manifold*' il-gdid, it-Tribunal gie pprezentat kopja biss ta' stima mill-'*internet*' datata 2 ta' Marzu, 2009.

Illi t-Tribunal sema x-xhieda tal-konvenut u jhoss illi x-xhieda tieghu ftit li xejn hija attendibbli u ma jhossx illi l-verzjoni tal-konvenut ghandha tigi emnuta fl-intier taghha.

Lit-Tribunal jirrizultalu car illi l-konvenut kien il-mekkanik ta' Nikolai Degiorgio, sid il-vettura li kienet tintuza minnu stess fit-tlielaq. Illi bhala l-Mekkanik ta' Degiorgio, il-konvenut ha hsieb li jikkummisjona '*performance manifold*' ta' lis-'*stainless steel*' mill-attur sabiex tintuza ghat-tlielaq ta' vetturi. Illi l-konvenut ta disinn mehud mill-'*internet*' lill-attur. Illi l-istruzzjonijiet tal-konvenut kienu illi l-attur kellu jimmanifattura dan il-'*manifold*' u jiffitjah mall-vettura tal-marka Lancia. Jirrizulta illi l-konvenut qatt ma

ta lill-attur dettalji ta’ kejl u qisien u halla f’idejn l-attur. L-attur jiggestixxi  hanut ta’ distribuzzjoni ta’ *‘silencers’,* kif ukoll jaghmel xoghol ta’ ‘*welding’* u jiffabbrika oggetti tal-metall. Illi l-konvenut kien girien tal-attur u kien avvicinah sabiex jaghmillu dan it-tip ta’ xoghol. It-Tribunal huwa tal-fehma illi ghalkemm l-attur huwa intiz f’xoghol tal-metall u ‘*welding’* huwa biss haddied u ma jiggestix xi fabbrika specjalizzata fl-inginerija mekkanika. It-Tribunal huwa tal-fehma illi ‘*Manifold’* tat-tip rikjest mill-konvenut ghandu jigi prodott minn fabbrika specjalizzata izda minkejja dan il-fatt il-konvenut xorta wahda ordnah mill-attur. It-Tribunal huwa tal-fehma illi bhala l-mekkanik u l-espert tal-vettura tat-tlielaq huwa kellu jkun jaf illi dawn it-tipi ta’ ‘*manifolds’* jistghu jinxtraw direttament mill-fabbrika fuq l-ghamla tal-vettura izda ghazel illi jmur ghand l-attur. Il-konvenut kien avvicina lill-atturi b’disinn u iben l-attur immanifattura l-‘*manifold’* skond id-disinn, izda kien biss wara xi zmien li l-konvenut intebah illi kellhom isiru xi modifikazzjonijiet zghar, li skont kliem tal-istess konvenut ma kellhomx jiehdu iktar minn siegha xoghol.

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu eccezzjoni fejn l-ilment ewlieni huwa illi x-xoghol ma kienx sar skont l-arti u s-sengha. Illi rrizulta mix-xhieda illi l-attur ipproduca l-‘*manifold’* skont id-disinn moghti lilu. It-Tribunal jirrilleva illi ghalkemm huwa bniedem tas-sengha fil-‘*welding’* ma jfissirx illi huwa l-bniedem tekniku u espert fl-inginerija mekkanika, dik is-sengha hija tal-mekkanik. L-attur jiehu hsieb li jiwweldja u li jipproduci skont l-istruzzjonijiet moghtija lilu u fil-fatt hekk sar. Jekk kemm-il darba l-istruzzjonijiet ma nghatawx lill-attur b’certi dettalji, huwa ma jistghax jitqies responsabbli ghal ‘*performance’* dghajjef tal-‘*manifold’*.  Fil-fehma tat-Tribunal hija r-responsabbilita’ tal-mekkanik li jkun jaf id-dettalji precizi sabiex il-‘*manifold’* taghti l-‘*performance’* meqjusa. Zgur m’hijiex is-sengha tal-‘*welder’*. L-attur u ibnu huma ‘*welders’* u jafu jipproducu ogegtti skond dak li jigi ordnat lilhom, huma zgur m’humiex ha jidhlu fit-teknika tal-oggett. Illi l-attur kien talab lill-konvenut diversi drabi sabiex jaghtih it-tieni (2) disinn bil-miktub izda l-attur qatt ma rceva ebda disinn bil-miktub.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi huwa komprensibbli illi l-attur ma kienx qed jafda li l-konvenut kien ha jhallsu ta' kollox u kien ghal dik ir-raguni li ma riedx jaghmel il-modifiki rikjesti minnu qabel ma l-ewwel jithallas tax-xoghol li kien ghamel..

Illi t-Tribunal huwa moralment konvint illi l-bniedem tekniku fil-mekkanika huwa l-konvenut li huwa l-mekkanik tal-vettura li ha ghandu l-attur. Illi l-konvenut bhala l-Mekkanik ta' din il-vettura ordna '*manifold'* skont disinn mehud mill-'*internet'* minghajr id-dettalji ta' qisien. Illi t-Tribunal huwa sodisfatt illi l-'*manifold'* gie riprodott skont id-disinn moghti lill-attur u twahhal fis-sistema tas-'*silencer'* tal-vettura. Illi l-ilmenti kienu minhabba l-'*performance'* ta' tali '*manifold',* u ghalhekk kien hemm bzonn xi modifiki. Illi bhala l-bniedem tekniku, il-konvenut kellu l-obbligu li jaghti struzzjonijiet precizi lill-attur. Haga li ma saritx da parti tal-konvenut. Illi effettivament l-attur huwa biss haddied fejn is-sengha tieghu hija dik ta' 'w*elder'*. Jekk kien hemm xi nuqqasijiet, dawn in-nuqqasijiet ghandhom jigu attribwiti lill-konvenut li bhala l-bniedem tekniku ma kienx kapaci jaghti d-dettalji teknici korretti ghat-tip ta' '*performance'* specifiku li xtaq huwa u illi '*manifold'* ta' dik il-kwalita' kellha taghti u ghaldaqstant m'ghandux jattribwixxi t-tort lill-attur.

Illi kemm l-inattendibilita' tax-xhieda tal-konvenut, kemm in-nuqqasijiet tal-konvenut bhala l-espert fil-mekkanika, ipingu kontra l-konvenut u ghaldaqstant, it-Tribunal wara li sema u evalwa l-provi kollha migjuba quddiemu huwa konvint illi l-'*manifold'* kif ordnat mill-konvenut gie prodott skont is-sengha u l-arti tal-atturi u jekk kemm-il darba dan il-'*manifold'* kellu xi nuqqasijiet, dawn in-nuqqasijiet huma attribwibbli lill-konvenut li bhala l-Mekkanik u espert tekniku tal-vettura naqas milli jaghti d-dettalji kollha rikjesti skont is-sengha tieghu. Ghalhekk fic-cirkostanzi, it-Tribunal ma jhossx illi ghandhu jakkolji l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u hamsa u sebghin Euro u

tnejn u hamsin centezmi (€675.52), gja mitejn u disghin lira Maltin (Lm290) bl-ispejjez u interessi kollha kif mitluba mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjez a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------